# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 831

KAZ NRU. 1012

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Joseph dei Conti Manduca

u

Sprachcaffe Co Ltd

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

Illum : 23 ta' Mejju, 1997

**Chairman : Dr. Joseph P. Bonnici LL.D.**

**INTRODUZZJONI** : Illi b'ittra datata 14 ta' Marzu, 1996, l-Onor. Ministru tal-Edukazzjoni u Rizosri Umani rrefera din il-kwistjoni tax-xoghol bejn l-odjerni partijiet ghat-temm obbligatorju taghha ai termini ta' l-Art. 28(2) tal-Kap 266 tal-Ligijiet ta' Malta lil dan it-Tribunal.

**FATTI** : Illi b'ittra datata 13 ta' Marzu, 1996 l-odjern appellant talab lil Onor. Ministru koncernat sabiex jirrimetti l-kaz tieghu in

vista ta’ tkeccija ngusta taht kopertura ta’ rizenja. Verbatim it-Tribunal jikkwota - “fuq bicca karta li ghandi, l-ex-employer tieghi, taht kliem li gie ttajpjat mill-employer huwa minnu li hemm firma tieghi. Izda l-verita’ hi illi dik il-firma ghamiltha taht pressjoni psikologika u koersjoni min naha ta’ min kien qed jimpjegani”.

Illi din l-allegazzjoni giet reiterata fl-*Istatement of Case* tieghu. Tikkostitwixxi unikament paraventu ghat-tkeccija tieghu.

Illi s-Socjeta’ Intimata fl-Istatement of Case taghha tirribatti illi kien kaz semplici ta’ rizenja ‘sic et simpliciter’

Illi fis-seduta tad-9 ta’ Jannar, 1997 is-Socjeta’ Intimata eccepiet ulterjorament li in vista tar-rizenja ta’ l-appellant stess, dan it-Tribunal ma kienx kompetenti biex jisma’ u jiddeciedi l-kaz in dezamina.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi jirrizulta effettivament illi l-appellant irrizenja mill-impjieg tieghu b’dokument ta’ rizenja datat 9 ta’ Dicembru, 1995 Dok. GA I esebit mill-appellant stess. Fin-noti ta’ sottomissjonijiet ferm elucidanti u eruditi, il-partijiet ivvantaw il-

pretenzjoni u tezi minnhom imressqa rispettivament.

Is-Socjeta’ Intimata tissottometti illi ir-rizenja ta’ l-appellant ‘et sic’ timpingi fuq il-kompetenza tat-Tribunal li jindaqa aktar fuq il-kaz ‘de quo’. Rinfaccjat b’dan it-tip ta’ terminazzjoni volontarja ta’ impjieg da parti ta’ l-impjegat, allura l-oneru tat-Tribunal Industrijali jieqaf hemm minghajr ebda investigazzjoni. Anzi jekk dan ma jkunx il-kaz izda kif inhu l-kaz odjern fejn l-appellant stess jattakka r-rizenja tieghu allura ‘multo magis’ l-istess Tribunal ma hux kompetenti ‘rationae materiae’ biex jisma’ l-kaz. Dana peress illi l-istess indagar ma jkunx kompensanti lilu, izda lill Qrati Ordinarji tal-pajjiz.

Da parti tieghu, l-appellant jissottemetti l-invers. Illi ghalkemm verament jezisti dokument ta’ rizenja, r-rizenja tieghu ma kinitx wahda liberament espressa ossia ezitu ta’ esercizzju volontarju. Ghal kuntrarju l-firma tieghu giet applikata fuq dan id-dokument infami wara pressjoni u koerjoni ezercitata u mposta fuqu mill-principal tieghu. Kif abbilment sottomess, hawn si tratta kaz ta’ “constructive dismissal”. Hu x’inhu l-kaz, it-Tribunal huwa altru che’ kompetenti biex jittratta u jiddeciedi fuq kaz simili anke meta hu kaz ta’ rizenja “taparsi”. In sostenn tat-tezi, tieghu, l-appellant ghamel riferenza ghal kazijiet fejn it-Tribunal ma naqasx li jindaga fuq it-terminazzjoni ta’ l-impjieg.

Kaz 806 - si tratta ta' tkeccija da parti tal-principal.

Kaz 825 - kien kaz ta' rizenja 'ictu oculi' u l-kaz waqaf hemm.

Kaz 829 - kien jirrigwardja talba ghal estensjoni ta' 'notice period' wara li nghata 'notice of termination'.

Kaz 852 - kaz ta' tluq volontarju wara 'notice of termination'.

Kaz 868 - kien jirrigwardja kaz ta' xhieda konflingenti wara li rrizulta li kien sar kollox oralment xejn preskritt.

Kaz 877 - verzjoni diversa in vista ta' ineziztenza ta' xi forma skritta.

Kaz 906 - kien relatat ghal kaz ta' rizenja verbali. Kaz ta' mpjieg gdid waqt probationary period wara terminazzjoni.

Illi t-Tribunal jissottometti illi dawn ir-riferenzi ma jimmilitawx favur it-tezi ta' l-appellant. L-ebda kaz riferit ma jissuggerixxi xi accenn ghal 'constructive dismissal'. Pero', t-Tribunal jirrileva illi l-Kap. 266 ossia dik il-ligi li jirreferi ghar-relazzjonijiet industrijali u taht liema, twaqqaf it-Tribunal Industrijali, jaghti gurisdizzjoni esklussiva dwar dawn il-materji lil dan it-

Tribunal hekk kostitwit. Ghalkemm jidher li donnu saret prattika illi xi parti tmur quddiem il-Qrati Ordinarji tal-pajjiz bhala speci ta’ appell minn ‘lodo’ tat-Tribunal Industrijali, il-Qrati taghna dejjem sostnew specjalment ricentement b’mod l-aktar kostanti u regolari illi l-esklussivita’ tat-Tribunal tkun suggetta unikament ghac-cirkoskrizzjoni f’kaz ta’ nuqqas li jigu salvagwardjati l-principji tal-gustizzja naturali, u/jew fl-applikazzjoni erronea tal-ligi. Ghalhekk dan it-Tribunal ma jistax jirrinunzja ghad-doveri tieghu, u jirrimetti kif qed titlob is-Socjeta’ Intimata, lill-appellant quddiem Qorti ohra ghal dikjarazzjoni fuq l-istess rizenja o meno. Dan hu kompitu tieghu, u dana ghandu jaghmlu sabiex jigi stabbilit jekk l-istess rizenja tezorbitax il-kompetenza tieghu. Dana wkoll ai termini tal-verbal tas-seduta tad-9 ta’ Jannar 1997.

Illi x-xhieda ta’ l-appellant hija ferm illuminanti. Fuq mistoqsija tat-Tribunal stess, huwa stqarr li qatt ma ffirma xi karta ta’ rizenja, pero’ aktar ‘il quddiem irrakkonta kif l-istess karta giet ittajpjata minn certu Lamberti f’kamra ohra. Mistoqsi mit-Tribunal ghax ma telaqx il-barra, l-appellant stqarr li seta’ jitlaq il-barra pero’ ma ghamlux ghaliex kellu eta’ avvanzata, f’dak il-perijodu kellu 58 sena - difficili ghalih li jsib job - jekk jitkecca aghar. Cempel ukoll lil habib tieghu sabiex jiehu parir. Flok

telaq il-barra, qaghad jibbattalja mieghu sakemm ezawrixxa ruhu u hu stess talab il-karta sabiex jiffirma.

Illi x-xhieda ta' l-appellant tikkostitwixxi prova ta' dak kollu li qed jallega. Kien konxju ta' dak kollu li kien qed jissucciedi - anzi ghamel ghazla liberissima li minflok telaq il-barra ghamel siegha jibbattalja. Anzi wkoll, dana ghamlu wara li ha parir minghand habib tieghu.

Illi sabiex rizenja tkun tista' tikkostitwixxi 'a constructive dismissal', altru jrid ikun hemm siegha battibekk u konsulenzi ma' habib. Ma jidhirx li giet ezercitata xi pressjoni u/jew koersjoni psikologika tant li l-appellant kellu jissokkombi ghaliha - u dana ghax ma kienx baqghalu xi triq ohra miftuha ghalih! 'Constructive dismissal' tkun il-konkluzjoni ta' att u/jew opinjoni ta' principal b'mod regolari fil-konfront ta' mpjegat minn tieghu tant li l-istess impjegat ma jkunx jista' jiflah izjed. Dan kollu zgur l-odjern appellant ma kienx soggett ghalih.

**<u>KONKLUZJONI</u>** : Illi f'dan is-sens, ir-rizenja valida ta' l-appellant tezorbita' lil dan it-Tribual mill-kompetenza tieghu u ghalhekk ma jistax jiehu konjizzjoni tieghu skond il-ligi.

Ai termini tal-Avviz Legali 98 tal-1986, it-Tribunal jintaxxa d-drittijiet tal-konsulenti rispettivi tal-partijiet fl-ammont ta’ Lm20 (ghoxrin lira maltija).

B’hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

**ft/Dr. Joseph P. Bonnici LL.D.**
**CHAIRMAN**

---------------------
George Attard
SEGRETARJU

mrg